

Il-Ħamis, 8 ta' Mejju 2008

L-immanniġġjar tal-istokks tal-ħut tal-fond

P6_TA(2008)0196

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Mejju 2008 dwar il-ġestjoni tal-istokkijiet tal-baħar fond (2007/2110(INI))

(2009/C 271 E/05)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar ħarsa lura lejn il-ġestjoni tal-istokkijiet tal-baħar fond (COM(2007)0030),
 - wara li kkunsidra l-proposta ta' Regolament tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' qafas Komunitarju għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu tad-data fis-settur tas-sajd u appoġġ għall-parir xjentifiku dwar il-Politika Komuni dwar is-Sajd (COM(2007)0196);
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Sajd u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A6-0103/2008),
- A. billi li l-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) jiġbed l-attenzjoni fiż-żewġ rakkomandazzjonijiet tiegħu tal-2002 u l-2004 dwar l-ispeċijiet tal-baħar fond, li l-biċċa l-kbira tal-ispeċijiet tinsab 'il barra mil-limiti bijoloġiċi sikuri; billi l-UE naqqset l-isforzi tas-sajd tagħha ħafna anqas milli rakkomandat mill-ICES; billi data bijoloġika aħjar bħala sfond hija importanti biex jiġu stabbiliti l-kwoti li jiggwarantixxu sajd sostenibbli,
- B. billi s-sajd minn flotot tal-ibħra miftuħa, kemm dak li jsir fibhra ta' pajjiżi terzi, f'żoni regolati minn xi organizzazzjoni reġjonali tas-sajd (RFOs) kif ukoll dak li jsir f'żoni mhux regolati fl-ibħra miftuħa, jeħtieġ isir b'mod razzjonali u responsabbli, skond il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar, il-Ftehma dwar l-Implimentazzjoni tad-Dispożizzjonijiet tal-imsemmija Konvenzjoni li jirrigwardaw il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni tal-Istokkijiet ta' Ħut li jkun faktar minn Żona Waħda u ta' Ħut Migratorju Ħafna, u l-Kodiċi ta' Mġiba tal-FAO dwar is-Sajd Responsabbli; u billi kemm il-Ftehma tan-NU dwar l-Istokkijiet ta' Ħut kif ukoll il-Kodiċi ta' Mġiba tal-FAO jinħtieġ li jiġi applikat il-prinċipju tal-prekawzjoni,
- C. billi waqt il-Laqgħa Għolja ta' Johannesburg fl-2002 l-UE ħadet l-impenn li tiżgura s-sostenibilità tas-sajd dinji, u l-impenn li żżomm jew li terġa' tistabbilixxi r-riżorsi, b'mod speċjali r-riżorsi li jkunu sfruttati żżejjed, sal-livell tal-qbid massimu sostenibbli, sa qabel l-2015 jekk dan ikun possibbli;
- D. billi l-ħarsien tal-ambjent tal-baħar u s-sajd sostenibbli jistgħu jsiru b'mod effikaċi biss bil-kunsens u l-koperazzjoni tal-istati kollha konċernati,
- E. billi l-ġbir sistematiku ta' data affidabbli huwa l-element ewlieni tal-evalwazzjoni tal-istokkijiet u tal-pariri xjentifiċi, u għaldaqstant, huwa ta' importanza kbira għall-implimentazzjoni tal-Politika Komuni dwar is-Sajd; u billi l-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha fuq imsemmija għarfet in-nuqqas ta' data biżżejjed sabiex tevalwa b'mod xjentifiku l-istat tal-istokkijiet tal-baħar fond, u d-diskrepanzi li jeżistu rigward id-definizzjoni tagħhom;
- F. billi r-rapport ippubblikat f'April 2007 mill-Kumitat Konsultattiv dwar is-Sajd u l-Akkwakultura (ACFA) jindirizza l-bidla fl-iskeda għall-preżentazzjoni ta' rapporti xjentifiċi u t-titjib fil-kwalità tagħhom;

Il-Ħamis, 8 ta' Mejju 2008

- G. billi jinħtieġu mezzj soċjo-ekonomiċi xierqa għas-sajjeda sabiex jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż tat-tnaqqis fl-attività marbuta mal-pjani tal-irkupru tal-istokkijiet;
- H. billi fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Novembru 2006 dwar Strateġija Tematika dwar il-Ħarsien u l-Konservazzjoni tal-Ambjent tal-Baħar ⁽¹⁾ huwa esprima ruħu favur numru ta' miżuri li jippromwovu l-użu sostenibbli tal-ibħra u l-ħarsien tal-ekosistemi tal-baħar;
1. Jilqa' bi pjaċir il-progress li sar mill-flotta komunitarja fir-rigward tas-sajd għall-speċijiet tal-fond, u jinnota ċertu sproprorzjon bejn is-sitwazzjoni kif ippreżentata mill-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni u s-sitwazzjoni reali;
 2. Jiġbed l-attenzjoni li qabel ma jiġu adottati miżuri ta' ġestjoni ġodda, jeħtieġ li ssir analiżi biex jiġi stabbilit għalfejn ma jiġux implimentati l-miżuri eżistenti, kif ukoll ir-raġunijiet għaliex l-Istati Membri ma jirrispettawx l-obbligi tagħhom, jew ma jagħmlux dan fil-ħin jew inkella jużaw metodoloġiji differenti, u b'hekk ixekklu l-analiżi tal-fatturi li għandhom impatt fuq dawn ir-riżorsi tas-sajd;
 3. Iwissi li l-tibdil kostanti fir-regoli, u t-tnedija ta' proposti ġodda mingħajr ma jingħata ċans li jiġu implimentati r-regolamenti eżistenti u li t-tagħrif miksub jiġi proċessat kif jixraq, ser inaqqas mill-kredibilità tal-Politika Komuni dwar is-Sajd;
 4. Jaqbel mal-Kummissjoni li l-ġbir sistematiku ta' data affidabbli hu l-element ewlieni tal-evalwazzjoni tal-istokkijiet u tar-rapporti xjentifiċi; għaldaqstant jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-industrija tas-sajd sabiex jirrimedjaw in-nuqqasijiet eżistenti biex il-miżuri tal-kontroll tal-isforzi tas-sajd ikunu jistgħu jiġu adattati għal kull tip ta' sajd, filwaqt li jkun rikonoxxut li ħafna mis-sajd tal-ibħra fondi huwa sajd ta' speċijiet differenti;
 5. Ifakkar lill-Kummissjoni li, anke meta l-qabdiet totali permessi (TACs) u l-illimitar tal-isforzi tas-sajd għal dawn ir-riżorsi jiġu stipulati b'mod arbitrarju minħabba nuqqas ta' tagħrif bijoloġiku, il-metodu tal-kawtela u l-isfruttament ta' kull speċi meqjusa bħala speċi tal-ibħra fondi iridu jiġu osservati u jridu jiġi stipulati TACs skond dan, fuq il-bażi ta' studji xjentifiċi preċiżi;
 6. Jinnota li r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 tal-20 ta' Diċembru 2002 dwar dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skond il-Politika Komuni dwar is-Sajd ⁽²⁾ jirrikjedi l-applikazzjoni ta' il-metodu tal-kawtela, li f'Artikolu 3 hu ddefinit li jfisser "li n-nuqqas ta' tagħrif xjentifiku adegwat m'għandux jintuża bħala raġuni għall-posponiment jew in-nuqqas ta' teħid ta' miżuri amministrattivi biex jiġu konservati speċi fil-mira, speċi assoċjati jew dipendenti u speċi mhux fil-mira u l-ambjent tagħhom";
 7. Jenfasizza l-ħtieġa li tiġi introdotta projbizzjoni fuq ir-rimi ta' ħut tal-ibħra fondi, u dan jagħti lok lix-xjentisti sabiex jistudjaw b'aktar preċiżjoni d-diversità kumplessa ta' speċijiet, li ħafna magħhom ma jistgħux jittieklu, li qed jinqabdu;
 8. Hu tal-fehma li l-Kummissjoni, fil-qafas tal-miżuri sabiex jitnaqqas il-qbid sekondarju u jiġi eliminat ir-rimi, għandha tvarja l-livelli tal-isforz tas-sajd skond l-ispeċji maqbuda u skond dawk li huma biss l-oġġett ta' qbid aċċidentali, filwaqt li fl-istess ħin jissaħħu l-proċeduri ta' monitoraġġ u ta' kontroll;
 9. Jinnota li ħafna speċijiet tal-ibħra fondi jittieħdu bħala qbid sekondarju, u għaldaqstant iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex titfa' aktar enfasi fuq il-kontroll tal-isforz bħala mod kif jitnaqqas il-qbid sekondarju; jinnota, madankollu, li r-restrizzjonijiet fuq id-daqsijiet tal-malji mhumiex xierqa minħabba s-sura u d-daqs tal-ispeċijiet tal-ibħra fondi;
 10. Jitlob lill-Kummissjoni biex twettaq evalwazzjoni soċjo-ekonomika tas-sajd għal speċijiet tal-qiegħ, kif ukoll analiżi tal-impatt li jista' jkollu tnaqqis ġdid fl-isforzi tas-sajd fuq is-settur; jiġbed l-attenzjoni li huwa fundamentali li jinħoloq bilanċ bejn l-eżiġenzi soċjo-ekonomiċi u s-sostenibilità ambjentali;
 11. Ifakkar li, minħabba li ħafna mill-ġestjoni ta' dawn l-istokkijiet issir f'ibħra internazzjonali, jeħtieġ li jkun hemm koordinazzjoni tal-azzjonijiet tad-diversi organizzazzjonijiet reġjonali tas-sajd biex il-miżuri li jiġu adottati jqisu l-flotot kollha li jistagħdu f'dawn l-ibħra; iqis li l-Unjoni għandha tiggarrantixxi l-implimentazzjoni effettiva u integrali tar-riżoluzzjoni 61/105 tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fir-rigward tal-ġestjoni tas-sajd fil-baħar fond f'ibħra miftuħa; jikkunsidra li r-restrizzjonijiet kollha għandhom japplikaw għas-sajjeda fil-partijiet kontraenti kollha sabiex jiġu evitati sitwazzjonijiet żvantaġġati għal wieħed jew iktar minnhom;

⁽¹⁾ ĠU C 314 E, 21.12.2006, p. 131.

⁽²⁾ OJ L 358, 31.12.2002, p. 59.

12. Jipproponi li s-sajd m'għandux ikun permess f'żoni ta' ibħra fondi fejn s'issa ma kienu hemm attività tas-sajd sakemm dawn iż-żoni jkunu ġew investigati u l-evidenza xjentifika tkun ikkonfermat li s-sajd sostenibbli jkun jista' jsir mingħajr riskju li tonqos il-bijodiversità jew ħsara għall-abitat u jkunu ġew stabbiliti l-miżuri li jikkorrispondu;
13. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex tintroduċi programmi ġodda ta' ġbir ta' tagħrif xjentifiku, permezz tal-vapuri tar-riċerka jekk dan ikun meħtieġ; jemmien li wieħed mill-eżempji ta' dan hu l-każ tal-amministrazzjoni tas-sajd Spanjola fiż-żona regolata mill-Kummissjoni tas-Sajd tal-Grigal tal-Atlantiku, li wettqet kartografija taż-żona ta' "Hatton Bank", fejn jinqabdu speċijiet ta' ħut tal-fond, u fejn ir-riċerka kienet iffukata fuq l-għarfien tad-distribuzzjoni tal-għoljiet ta' qiegħ il-baħar, l-iskolljiet tal-qroll tal-ilma kiesaħ u l-fetħiet idrotermali, sabiex jiġu identifikati l-inħawi sensitivi fiż-żoni fejn joperaw il-flotot tas-sajd;
14. Jaqbel mal-Kummissjoni dwar il-ħtieġa li għal dan it-tip ta' sajd, tintuża strateġija imsejsa fuq l-ekosistema, filwaqt li jwissi li l-miżuri għandu jkollhom livell minimu ta' kredibilità u m'għandhomx jintużawx b'mod ġenerali iżda fuq il-bażi ta' evalwazzjoni tal-impatt ambjentali, sabiex jiġi evitat li jingħalqu żoni fejn ma jeżisti l-ebda riskju, filwaqt li jingħalqu żoni għas-sajd tal-qiegħ fejn huwa magħruf jew aktarx li jkun hemm ekosistemi tal-baħar vulnerabbli jew fejn l-istokkijiet tal-ħut mhumiex fil-limiti bijoloġiċi sikuri; riċerka relatata mal-kartografija ta' qiegħ il-baħar, l-interazzjoni bejn l-elementi tal-ekosistemi u r-riżorsi naturali tal-oċeani għandhom ikunu prijoritajiet jekk nixtiequ li l-politika marittima Ewropea l-ġdida ssir realtà;
15. Itenni li s-sajjeda u l-assoċjazzjonijiet li jirrappreżentawhom għandhom jiġu mismugħa, u għandhom jipparteċipaw fit-tfassil tal-miżuri għall-ħarsien tal-ambjent tal-baħar, għall-ġestjoni tar-riżorsi u għall-irkupru tal-istokkijiet;
16. Jaqbel mal-Kumitat Konsultattiv dwar is-Sajd u l-Akkwakultura dwar il-ħtieġa li jiġu dedikati aktar riżorsi umani u finanzjarji għall-analiżi tal-bijomassa u tal-mortalità tal-ħut għal kważi it-tipi kollha ta' sajd; iqis ukoll li biex il-pariri xjentifiċi jiġu milqugħa mill-partijiet kollha, jeħtieġ li tiġi definita direzzjoni strateġika ċara, sabiex jiġu evitati d-dupplikazzjoni tax-xogħol u n-nuqqas ta' sinerġiji;
17. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar l-inefficienza u l-implimentazzjoni ħażina tar-Regolamenti attwali tas-CFP; jistieden lill-Kummissjoni biex ittejjeb il-proċeduri ta' monitoraġġ u kontroll fl-Istati Membri;
18. Jenfasizza l-importanza tal-iżvilupp ta' sistemi tekniċi ġodda, biex tiġi ggarantita sistema ta' kontroll u sorveljanza li tiffunzjona; jitlob lill-Kummissjoni biex tkompli tiżviluppa sistemi tekniċi ta' kontroll, u f'dan il-kuntest jirreferi għall-possibilità ta' ġurnali ta' abbord elettroniċi;
19. Jenfasizza l-vantaġġi tat-tfassil ta' netwerk ta' żoni tal-baħar li jkunu mħarsa (MPAs) fi ħdan in-netwerk NATURA 2000 u jemmien li pass bħal dan ikollu effetti pożittivi fuq l-istokkijiet tal-ħut li huma sfruttati żżejjed; jinkoraġġixxi lill-Istati Membri sabiex jagħmlu użu mill-possibilitajiet kollha offruti mill-komponenti tal-baħar tan-netwerk Natura 2000;
20. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tagħmel kull sforz sabiex tiżgura l-implimentazzjoni u t-titjib li jista' jsir tal-ftehimiet internazzjonali eżistenti dwar is-sajd fil-baħar fond;
21. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jiżviluppaw linji gwida komuni, jagħmlu skambju tal-aħjar Prattiki, itejbu l-użu tat-teknoloġija Komunitarja disponibbli u jinvolvu gruppi ta' esperti u NGOs sabiex jimplementaw aħjar miżuri bi l-għan li jnaqqsu s-sajd illegali u l-bejgħ ta' qabdiel illegali fis-swieq Ewropej;
22. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jipromwovu metodi ta' qbid b'aktar kuxjenza ambjentali u li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent u lill-bijodiversità ekoloġika bħala riżultat tal-qabdiel sekondarji mhux mixtieqa, jew li jagħmlu ħsara bla bżonn lil ħlejjaq oħra.
23. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri.